32005D0288

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Marzu 2005

li temenda d-Deċiżjoni 97/80/KE dwar id-dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE dwar l-istħarriġ statistiku li għandu jsir fil-qasam tal-ħalib u prodotti magħmulin mill-ħalib

(innotifikata taħt in-numru tad-dokument C(2005) 754)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/288/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE tad-19 ta' Marzu 1996, dwar l-istħarriġ statistiku li għandu jseħħ fil-qasam tal-ħalib u tal-prodotti magħmulin mill-ħalib [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2), u l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 96/16/KE jistipula li l-Istati Membri jgħarfu kull sena lill-Kummissjoni t-tagħrif metodoloġiku skond kwestjonarju standard stabbilit mill-Kummissjoni.

(2) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1059/2003 tas-26 ta' Mejju 2003 dwar it-twaqqif ta' nomenklatura komuni ta' l-unitajiet territorjali statistiċi (NUTS) [2] jistabbilixxi l-qafas ġuridiku għall-istatistiċi Komunitarji maqsumin skond l-unitajiet territorjali; għaldaqstant, in-nomenklatura l-ġdida (NUTS) tista' tintuża għall-komunikazzjoni ta' tagħrif relatat mal-kwantità ta' ħalib tal-baqra prodott mill- impriżi agrikoli fuq bażi reġjonali.

(3) B'kunsiderazzjoni ta' l-importanza ekonomika li dejjem qiegħda tikber ta' l-ammont ta' proteini fil-ħalib, huwa aktar u aktar importanti li jkun hemm tagħrif statistiku dwar il-kontenut ta'proteini fil-prodotti prinċipali magħmulin mill-ħalib. .

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/80/KE tat-18 ta' Diċembru 1996 [3] dwar id-dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/16/KE dwar l-istħarriġ statistiku li għandu jsir fil-qasam tal-ħalib u prodotti magħmulin mill-ħalib għandha tiġi emendata u miżjuda.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istatistika Agrikola,

ADOTTAT DIN ID-DECIZJONI:

Artikolu 1

Id-Direttiva 97/80/KE hija emendata kif ġej:

1. Fl-Anness II, jiżdiedu t-tabelli H u I li jidhru fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-Anness għandu jinbidel bl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 78 tat-28.3.1996, p. 27. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/107/KE (ĠU L 7, tat-13.1.2004, p. 40).

[2] ĠU L 154 tal-21.6.2003, p. 1.

[3] ĠU L 24 tal-25.1.1997, p. 26. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/582/KE (ĠU L 281, tas-17.10.1998, p. 36).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-18 ta' Marzu 2005.

Għall-Kummissjoni
Joaquin ALMUNIA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni 97/80/KE, jiżdiedu t-tabelli H u I li ġejjin:

"TABBELLA H:

Attivitajiet ta' l-industrija tal-halib

Proteini tal-halib tal-baqra fil-prodotti tal-halib ewlenin

Pajjiż: …		Sena: …	
Kodici	Prodotti	Kwantità [1] (1000 t)	Kontenut f'proteini (t)
		1	2
1	**Prodotti friski**		
11	Halib ghax-xorb		
112	Halib shih		
113	Halib nofsu xkumat		
114	Halib xkumat		
12	Xorrox tal-butir		
13	Krema		
2	**Prodotti manifatturati**		
21	Halib ikkoncentrat		
221	Trab tal-halib		
222	Trab tal-halib shih		
223	Trab tal-halib nofsu xkumat		
224	Trab tal-halib xkumat		
225	Trab tax-xorrox tal-butir		
23	Butir u prodotti ohra sofor maghmulin mix-xaham tal-halib		
2411	Gobon maghmul mill-halib tal-baqra		
25	Gobon ipprocessat		
26	Kaseina u l-kaseinati		
27	Kaseina u l-kaseinati		

[1] L-ewwel Kolonna: kwantitajiet prodotti f'eluf ta' tunnellatti tul il-perjodi meqjus (sena). Definizzjoni: ara l-Anness II tad-Deċiżjoni 97/80/KE, tabbella B, kolonna 1.

TABBELLA I:

Taghrif regjonali tal-produzzjoni tal-halib tal-baqra

Pajjiż: …		Sena: …
Regjun	Kodici NUTS 2	Produzzjoni annwali tal-halib tal-baqra (1000 t) (*)
L-AMMONT TOTALI GHALL-PAJJIŻI		

(*) Tikkoncerna l-halib tal-baqra kollu, minbarra l-halib imredda' direttament, imma wkoll dak li jipprovjeni mill-hlib (inkluż il-kolostru) użat ghall-ghalf ta' l-annimali (per eżempju gol-bramel jew mezzi ohra)"

ANNESS II

L-Anness III tad-Deċiżjoni 97/80/KE hu sostitwit bl-Anness li jmiss:

"ANNESS III

KWESTJONARJU METODOLOGIKU(*) DWAR IL-GBIR TA' STATISTIKA DWAR IL-ĦALIB

Qafas tal-kwestjonarju

IDENTIFIKAZZJONI TAL-KORRISPONDENT

1. *Punti ġenerali*

2. *Il-ġbir ta' l-informazzjoni bażika*

   A) Mill-industriji tal-ħalib

   B) Mill-azjendi agrikoli

3. *Tabella B*

   Taqsima A: Riżorsi disponibbli

   Taqsima B: Użu

4. *Kummenti u proposti*

Data ta' referenza:

Kien hemm xi tibdiliet fl-informazzjoni metodoloġika meta mqabbla ma' dik li ngħatat fil-kwestjonarju tas-sena li għaddiet?

☐ Iva ☐ Le

IDENTIFIKAZZJONI TAL-KORRISPONDENT EUROSTAT TA' L-ISTAT MEMBRU

Isem u Kunjom: Sur/Sinjura/Sinjorina

Pożizzjoni:

Istituzzjoni jew organizzazzjoni:

Dipartiment:

Indirizz:

Telefown/Feks:

E-mail:

(*) Dan il-kwestjonarju għandu jitwassal lill-Kummissjoni fl-istess waqt ta' Tabella B mimlija kif suppost, skond l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 96/16/KE.

1. *Punti ġenerali*

1.1. Responsabbilità ta' l-informazzjoni mgħoddija

— Min, fil-pajjiż tiegħek, huwa responsabbli mill-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-istatistika dwar il-ħalib?

	Isem il-persuna:	Dettalji ta' din il-persuna (jew dipartiment):
TABELLA A: Statistika ta' kull xahar (tal-ħalib)		
TABELLA B: Statistika annwali (tal-ħalib)		
TABELLA C: Statistika annwali Azjendi agrikoli		
TABELLI D sa G: Statistika ta' l-istrutturi		
TABELLA H: Proteini fil-ħalib tal-baqra fil-prodotti tal-ħalib ewlenin		
TABELLA I: Informazzjoni reġjonali annwali		

— Hemm xi organizzazzjoni oħra li tieħu sehem fil-ġbir ta' statistika dwar il-ħalib?

☐ Iva (*) ☐ Le

(*) Jekk iva, agħti l-isem u d-dettalji ta' din l-organizzazzjoni:

1.2. Mistoqsija dwar il-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni mgħoddija

Għandkom xi problemi fuq il-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni?

☐ Iva (*) ☐ Le

(*) Jekk iva, tistgħu tiddeskrivuhom?

2. Il-ġbir ta' l-informazzjoni bażika

A) Mill-industriji tal-ħalib tabelli a u b

2.A.1. Karatteristiċi ġenerali

Numru ta' intrapriżi tal-ħalib preżenti fl- 01 / ta' Jannar / 20.... (Ħlief għaċ-ċentri jew intrapriżi li jiġbru biss)

Numru ta' ċentri jew intrapriżi li jiġbru biss. (Fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 96/16/KE)

2.A.2. Oriġini tal-listi (ta' l-unitajiet ta' stħarriġ) użata għall-istħarriġ ta' kull xahar u ta' kull sena

X'inhi l-oriġini tal-kompilazzjoni li ntużat?

☐ Estratt mir-reġistru nazzjonali tal-kummerċ

☐ Listi miġbura għall-istħarriġ dwar il-ħalib

☐ Listi li tappartjeni għall-organizzazzjonijiet professjonali (*)

☐ Listi wżati għal stħarriġ ieħor (*)

☐ Ohrajn (*)

(*) Speċifika s-sorsi:

2.A.3. Kif u kull meta tiġi aġġornata l-lista?

Inti taġġorna l-lista:

☐ Kontinwament

☐ Kull xahar

☐ Kull tliet xhur

☐ Kull sena

☐ Kull tliet snin

☐ Kull numru ta' snin

2.A.4. Il-kwestjonarji ta' kull xahar (Industrija tal-ħalib: Tabella a)

Numru ta' unitajiet ta' l-istħarriġ ikkonċernati
Proporzjon tal-popolazzjoni statistika mistħarrġa minn dan il-kampjun (f%)

— Metodu ta' stħarriġ:

☐ Permezz ta' enumeraturi

☐ Bil-posta

☐ Bit-telefon

☐ Bl-e-mail

☐ B'mod ieħor, liema?

— Rata ta' rispons li jkun hemm normalment (f%):

— B'liema metodu qed tikkalkula l-informazzjoni ta' dawk li ma jwiġbux?

— Tuża sorsi oħra ta' informazzjoni?

☐ Iva (*) ☐ Le

(*) Jekk iva, liema?

2.A.5. Il-kwestjonarji li jsiru kull sena (Industrija tal-ħalib: Tabelli B, C, H u I)

Kumment: L-istħarriġ annwali huwa eżawrjenti

— Metodu ta' stħarriġ:

☐ Permezz ta' enumeraturi

☐ Bil-posta

☐ Bit-telefon

☐ Bl-e-mail

☐ B'mod ieħor, liema?

— Rata ta' rispons li jkun hemm normalment (f'%):

— B'liema metodu qed tikkalkula l-informazzjoni ta' dawk li ma jwiġbux?

— Tuża sorsi oħra ta' informazzjoni?

☐ Iva (*) ☐ Le

(*) Jekk iva, liema?

B) L-Azjendi agrikoli (Irziezet) TABELLA C

Numru ta' azjendi agrikoli kkonċernati fl-1 ta' Jannar 20.....

2.B.1. Eżistenza ta' sħarriġ regolari dwar il-produzzjoni u l-użu tal-ħalib fir-razzett

Hemm sħarriġ regolari dwar il-produzzjoni u l-użu tal-ħalib fir-razzett?

☐ Iva (B2) ☐ Le (B5)

2.B.2. Jekk iva, aġħti d-dettalji dwar proċeduri:

— Metodu ta' sħarriġ:

☐ Permezz ta' enumeraturi

☐ Bil-posta

☐ Bit-telefon

☐ Bl-e-mail

☐ B'mod ieħor, liema?

— Rata ta' rispons li jkun hemm normalment (f'%):

— Deskrizzjoni tal-metodoloġija ta' l-isħarriġ:

2.B.3. Metodu użat għall-kalkolu tal-kwantitajiet prodotti u użati minn dawk li ma wiġbux

B'liema metodu qed tikkalkula l-produzzjoni u l-użu tal-ħalib fl-irziezet għal dawk li ma wiġbux?

2.B.4. Użu ta' sorsi oħra ta' informazzjoni

Tuża sorsi oħra ta' informazzjoni?

☐ Iva * ☐ Le

(*) Jekk iva, liema?

2.B.5. Jekk le, spjega u aġħti d-dettalji tal-metodu użat biex jiġu kkalkulati b'mod preċiż jew bejn wieħed u ieħor, il-produzzjoni annwali u l-użu tal-ħalib fir-razzett:

2.B.6. Ħalib tal-baqra

Jekk neskludu l-ħalib li l-għoġiela jerdgħu direttament, il-ħalib kollu li jkun inħaleb (inkluż il-Colostrum) li jiġi użat bħala għalf għall-annimali (fil-bramel jew b'mezzi oħra), jingħadd ma' l-ammonti disponibbli?

☐ Iva ☐ Le

3. Tabella B (informazzjoni dwar il-ħalib)

Taqsima A: Riżorsi disponibbli

3.A.1. Importazzjonijiet tal-ħalib, tal-krema u ta' prodotti tal-ħalib oħra

— L-industriji tal-ħalib jixtru ħalib mhux ipproċessat mingħand bejjiegħa approvati li jinsabu barra mit-territorju nazzjonali?

☐ Iva (*) ☐ Le

(*) Jekk iva, dan ix-xiri jingħadd ma' l-ammonti importati? (tabella B, kolonna B)

☐ Iva ☐ Le

— Tuża l-informazzjoni li tingħata direttament mill-industriji tal-ħalib biex jinżamm rekord tal-kummerċ bejn il-fruntieri?

☐ Iva (*) ☐ Le

(*) Jekk iva:

☐ Mill-kwestjonarju ta' kull xahar

☐ Sorsi oħra:

— Tuża l-informazzjoni statistika dwar il-kummerċ ma' barra?

☐ Iva (*) ☐ Le

(*) Jekk iva, spjega kif tissepara l-importazzjonijiet għall-industrija tal-ħalib minn importazzjonijiet oħra:

— Kif titratta l-kunsinni tal-prodotti intermedji minn post għall-ieħor f'pajjiżi differenti iżda li jkunu ta' l-istess intrapriża?

☐ dawn huma inklużi ma' l-informazzjoni tal-kummerċ ma' barra

☐ dawn huma inklużi mal-kunsinni ta' l-intrapriżi

☐ oħrajn, speċifika

Taqsima B: Użu (prodotti mmanifatturati[4])

3.B.1. Prodotti ewlenin (kolonna 1 tat-tabella)

— Hemm xi rabta bejn ir-riċerkastatistika dwar il-ħalib u r-riċerka Prodcom[1]?

☐ Iva ☐ Le

Jekk iva, iż-żewġ riċerki huma mmexxija mill-istess organizzazzjoni?

☐ Iva ☐ Le

3.B.2. Għadd doppju:

B.2.1 fl-industriji tal-ħalib

Biex jiġi evitat li jingħaddu darbtejn, fuq liema elementi huwa bbażat l-istħarriġ?

☐ fuq il-prodotti li jaslu qabel l-ipproċessar (Prodotti li jaslu)

☐ fuq il-prodotti manifatturati (Prodotti kkunsinjati)

[1] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91, tad-19 ta' Diċembru 1991, dwar il-holqien ta' kwestjonarju tal-Komunità dwar il-produzzjoni industrijali ĠU L374 tal-31.12.1991, p.1.

B.2.2 Ġobon – ġobon ipproċessat

Tagħmel stħarriġ speċifiku dwar il-materja prima li tintuża biex isir il-ġobon ipproċessat (ġobon, butir, krema, prodotti tal-ħalib oħrajn)?

☐ Iva ☐ Le

Din il-materja prima titnaqqas jew hija inkluża fl-informazzjoni tal-kolonna 1 tat-tabella B?

☐ informazzjoni mnaqqsa ☐ informazzjoni inkluża

3.B.3. Kalkolu ta' l-entrati tal-ħalib (bix-xaħam mhux imnaqqas u xkumat)

Kif jiġu kkalkulati l-entrati tal-ħalib fit-tabella B għall-prodotti li ġejjin:

Kodiċi	Isem il-prodotti	Stħarriġ dirett	Użu ta' koeffiċjenti tekniċi
11-12	ħalib likwidu u x-xorrox tal-butir	☐	☐
13	kremi	☐	☐
14-15-16	prodotti friski oħra (ħalib aċidifikat, xarbiet magħmula mill-ħalib, ħalib magħmul f'ġeli, eċċ.)	☐	☐
21	ħalib magħqud	☐	☐
22	prodotti tat-trab	☐	☐
23	butir totali u prodotti oħra magħmula minn xaħam isfar	☐	☐
24	ġobon	☐	☐
2411	ġobon tal-ħalib tal-baqra	☐	☐
25	ġobon ipproċessat	☐	☐
27	xorrox	☐	☐

3.B.4. Kalkolu ta' l-entrati ta' xaħam

— Kif jiġu kkalkulati l-entrati ta' xaħam fit-tabella B?

☐ Bħala INPUT (jiġifieri skond il-materja prima użata għall-manifatturar)

☐ Bħala OUTPUT (jiġifieri skond il-prodott finali)

Uħud mill-Istati jistgħu jużaw żewġ metodi (awto-kontroll): speċifika

— Tuża l-informazzjoni li tingħata mill-industrija tal-ħalib bħala sors ta' informazzjoni?

☐ Iva ☐ Le (*)

(*) Jekk le, x'inhi s-sors ta' informazzjoni?

3.B.5. Il-Proteini (tabella H)

B'liema metodu tkejjel jew tagħmel stima tal-proteini?

— Bħala INPUT? (jiġifieri skond il-materja prima użata għall-manifatturar)

☐ Iva ☐ Le

— Bħala OUTPUT? (jiġifieri skond il-prodott finali)

☐ Iva ☐ Le

Spjegazzjonijiet

3.B.6. Informazzjoni reġjonali (tabella I)

— Evalwazzjoni tal-produzzjoni reġjonali

— informazzjoni eżistenti mis-sors

☐ Iva ☐ Le

— informazzjoni kkalkulata *a posteriori*

☐ Iva ☐ Le

— Jekk l-informazzjoni tkun ikkalkulata, liema hu l-metodu użat?

☐ Stħarriġ dwar l-istruttura ta' l-azjendi agrikoli (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 143/20021[5])

☐ Stħarriġ dwar il-bovini (Direttiva 93/24/KEE[6] u Deċiżjoni 94/433/KE1[7])

☐ Oħrajn, speċifika:

4. *Kummenti u proposti*

X'inhuma l-kummenti u l-proposti tiegħek għat-titjib tal-kwestjonarju metodoloġiku?

Ehmeż l-informazzjoni kollha li taħseb li hi ta' għajnuna.

[5] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 143/2002 ta' l-24 ta' Jannar 2002 li jemenda l-anness I tar-Regolament tal-Kunsill Nru 571/88 li jorganizza l-kwestjonarji tal-Komunità skond l-irziezet fl-2003, 2005 u 2007. (ĠU L24 tas-26.1.2002, p. 16)

[6] Direttiva tal-Kunsill 93/24/KE ta' l-1 ta' Ġunjo 1993, dwar dwar l-istħorriġ statistiku li jrid isir fuq il-prodoth tal-bovini (ĠU L149, ta' l-1.6.1993, p. 5). Direttiva kif emendata l-aħħor bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

[7] Direttiva 93/24/KEE referenza ĠU L 149 tal-21.06.1993, p.5 u Deċiżjoni 94/433/KE referenza ĠU L 179 tat-13.07.1994, p. 27.